C/2025/6254

19.11.2025

Notifika minn qabel ta' konċentrazzjoni

(Każ M.12227– OEP CAPITAL ADVISORS / KBR / IX SWAT HOLDINGS)

Każ li jista' jiġi kkunsidrat għal proċedura ssimplifikata

(Test b'rilevanza għaż-ŻEE)

(C/2025/6254)

1. Fis-7 ta' Novembru 2025, il-Kummissjoni rċeviet notifika ta' konċentrazzjoni proposta skont l-Artikolu 4 tar-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 139/2004 ([1]).

Din in-notifika tikkonċerna l-impriżi li ġejjin:

— OEP Capital Advisors, L.P. (flimkien mal-fondi ta' investiment tagħha "OEP", l-Istati Uniti),

— KBR, Inc. ("KBR", l-Istati Uniti),

— IX SWAT Holdings, LLC ("SWAT", l-Istati Uniti), ikkontrollata minn IX Capital SWAT Holdings, LLC.

OEP u KBR se jakkwistawfis-sens tal-Artikolu 3(1)(b) tar-Regolament dwar l-Għaqdiet, il-kontroll konġunt ta' SWAT kollha kemm hi.

Il-konċentrazzjoni titwettaq permezz tax-xiri ta' ishma.

2. L-attivitajiet kummerċjali tal-impriżi kkonċernati huma li ġejjin:

— OEP hija ditta ta' ekwità privata ffukata fuq kombinamenti trasformattivi fis-setturi industrijali, tal-kura tas-saħħa u tat-teknoloġija fl-Amerka ta' Fuq u fl-Ewropa,

— KBR hija fornitur globali tat-teknoloġija, tal-inġinerija integrata, tal-akkwist, ta' servizzi ta' kostruzzjoni, u ta' operazzjonijiet u servizzi ta' manutenzjoni,

— SWAT tipprovdi servizzi ta' wweldjar speċjalizzat, servizz mekkaniku, servizzi ta' katalizzaturi, ta' torrijiet tat-tkessiħ, u servizzi oħra ta' turnaround; twettaq prinċipalment servizzi mhux diskrezzjonarji fuq komponenti fir-raffineriji taż-żejt, fl-industriji petrokimiċi, bijo/rinnovabbli u faċilitajiet oħra ta' pproċessar madwar l-Istati Uniti.

3. Wara eżami preliminari, il-Kummissjoni tqis li t-tranżazzjoni notifikata tista' taqa' fil-kamp ta' applikazzjoni tar-Regolament dwar l-Għaqdiet. Madankollu, id-deċiżjoni finali dwar dan il-punt hija riżervata.

Skont l-Avviż tal-Kummissjoni dwar trattament issimplifikat għal ċerti konċentrazzjonijiet skont ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 139/2004 dwar il-kontroll ta' konċentrazzjonijiet bejn impriżi ([2]) għandu jiġi nnutat li dan il-każ jista' jiġi kkunsidrat għal trattament skont il-proċedura stabbilita fl-Avviż.

4. Il-Kummissjoni tistieden lil terzi persuni interessati biex jibagħtulha l-kummenti li jista' jkollhom dwar il-konċentrazzjoni proposta.

Il-kummenti jridu jaslu għand il-Kummissjoni mhux aktar tard minn 10 ijiem wara d-data ta' din il-pubblikazzjoni. Ir-referenza li ġejja għandha dejjem tiġi speċifikata:

M.12227 – OEP CAPITAL ADVISORS / KBR / IX SWAT HOLDINGS

([1]) ĠU L 24, 29.1.2004, p. 1 (ir-"Regolament dwar l-Għaqdiet").
([2]) ĠU C 160, 5.5.2023, p. 1.

Il-kummenti jistgħu jintbagħtu lill-Kummissjoni permezz ta' email jew bil-posta. Uża d-dettalji ta' kuntatt ta' hawn taħt:

Email: COMP-MERGER-REGISTRY@ec.europa.eu

Indirizz Postali:

European Commission
Directorate-General for Competition
Merger Registry
1049 Bruxelles/Brussel
BELGIQUE/BELGIË